MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Avviz Numru. 458/2009

**Rennie Azzopardi**

**vs**

**Centaur Company Limited (C16962)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur datat it-18 ta’ Novembru tas-sena 2009, li permezz tieghu r-rikorrent Azzopardi talab lil din il-qorti biex ghar-ragunijiet hemm premessi:

1. Tirrevoka *contrario imperio* l-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet *Centaur Company Limited* vs. Rennie Azzopardi kif identifikat fl-istess rikors promotur;

2. Tikkundanna lis-socjeta` *Centaur Company Limited* il-penali indikata fl-istess rikors promotur, u dan, ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors li ta' bidu ghal din il-procedura;

Rat id-digriet taghha datat l-20 ta' Novembru tas-sena 2009, li permezz tieghu ordnat:

1. In-notifika lill-kontroparti, *Centaur Company Limited*, ghar-risposta;

u

2. Li l-istess rikors promotur ikun appuntat ghas-smiegh ghall-udjenza tal-25 ta' Novembru tas-sena 2009;

Semghet il-provi prodotti;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-lanjanza tar-rikorrent tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi fit-12 ta' Novembru tas-sena 2009 is-socjeta` intimata intavolat mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-Qorti tal-Magistrati liema sekwestru jgib in-numru 3502/09;

2. Illi l-istess sekwestru hu limitat ghall-ammont ta' ghaxart elef tmien mija u disgha u tmenin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€10,889.77);

3. Illi di piu` l-istess socjeta` intimata allegat ukoll il-misappropriazzjoni fil-konfront tar-rikorrent odjern;

4. Illi l-kwistjoni bejn il-kontendenti hi naxxenti mill-fatt li kemm ir-rikorrent odjern kif ukoll ir-rapprezentant tas-socjeta` intimata f'dawn l-atti huma l-unici zewg diretturi tas-socjeta` intimata;

5. Illi meta r-rikorrent sarraf *cheque* indirizzat lis-socjeta` intimata r-rikorrent isostni li hu kien awtorizzat jaghmel hekk a tenur ta' l-Artikolu 8(2) tal-*Memorandum and Articles of Association* kifipprezentat in atti;

6. Illi ghalhekk isostni li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in dizamina ghandu jigi revokat stante li hu kien qed jagixxi fit-termini tal-limitazzjonijiet statutorji kif indikat fil-Memorandum riferit fil-paragrafu precedenti;

7. Illi di piu` r-rikorrent jallega, u b'forza, li l-utilizzar ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju da parti tar-rapprezentant tas-socjeta` intimata hi manuvra malizzjuza intiza biss li tirrekalu dannu skonsiderat u abbuziv;

8. Illi ghaldaqstant ir-rikorrent irrikorra lil din il-qorti u talab risoluzzjoni favorevoli ghalih kif fuq indikat;

Ikkunsidrat:

Illi minn naha taghha s-socjeta` intimata sintetikament tippostula s-segwenti:

1. Illi r-rikorrent Azzopardi m'ghandu l-abda dritt li jimmanipola privatament fondi li jappartjenu lis-socjeta` *Centaur Company Limited*;

2. Illi l-unika azzjoni koncessa lid-diretturi tal-imsemmija socjeta` tramite l-Artikolu 8(2) tal-

Memorandum fuq indikat hi dik intiza li tkun ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta`, senjatament:

'… on behalf of the Company…'

3. Illi meta l-intimat mar ghand Bank lokali fejn *cheque* indirizzat lis-socjeta` intimata inbidel f'wiehed indirizzat personalment f'ismu, allura ghandu jkun evidenti u pacifiku li l-istess intimat ma baqghax jagixxi aktar *ghan-nom u in rapprezentanza* tas-socjeta` in dizamina, izda b'tali manuvra issa agixxa esklussivament fl-interess uniku tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi del resto ghandu jinghad ukoll li din il-procedura hi limitata ghall-argini procedurali kif delineati fir-rikors promotur u ghalhekk din il-qorti hi tenuta li tezamina l-limiti ta' l-istess argini u mhux l-effetti kollha kif jistghu jemergu minn analizi fattwali aktar approfondit li l-kawza indirizzata lejn il-mandat de quo verament tindirizza;

Illi ghalhekk, meta s-socjeta` intimata ddecidiet li tipprocedi fil-limiti statutorji lilha spettanti biex tipprotegi d-drittijiet taghha, wara l-azzjoni tar-rikorrent fuq indikata, ma jirrizultax li straripat xi limiti inawditi izda biss ipprotegiet l-interessi taghha fil-limiti legali kif rikjesti f'socjeta` civili li thaddan is-sovranita` tad-dritt u kif espressament indikat li hu legittimament permess fl-Artikolu 1030 tal-Kap.16;

Illi di piu`, kwalunkwe difiza li l-istess rikorrent jista` jkollu xorta jistghu jigu vantati bi profitt fil-procedura indikata biex tipprotegieh, jekk tista`, mill-mandat de quo;

Ghaldaqstant, in vista tal-permess din il-qorti tirrigetta in toto r-rikors promotur tal-intimat, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------